# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 137/2019/1 MH**

**Dottor Martin Zammit**

**v.**

**Avukat Ġenerali illum Avukat tal-Istat u Joseph, Carmelo u Mario aħwa Dingli għan-nom tad-ditta Firm Reno Dingli**

1. L-Avukat tal-Istat appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-11 ta' Novembru 2020 li d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirreġola t-Tiġdid tal-Kiri (Kap. 69) u tal-Att X tal-2009 jilledu l-jedd fundamentali għat-tgawdija tal-proprjeta` (Art. 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali); li l-konvenuti Dingli m'għandhomx jedd igawdu l-protezzjoni tal-imsemmija liġi speċjali tal-kera; u kkundannat lill-Avukat

tal-Istat iħallas lill-atturi s-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000) in kwantu għal €35,000 kumpens pekunjarju u €15,000 danni morali.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: L-attur hu s-sid ta' fond fil-blokk bini numru 27, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana filwaqt li l-konvenuti Dingli jikru l-istess fond b'kera ta' €83.71 kull sitt xhur. Oriġinarjament il-kera kienet ta' €37.50 kull sena, b'dan li eventwalment il-kera żdiedet bid-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009. L-attur akkwista l-fond bi prelegat mingħand missieru li miet fit-2 ta' Awwissu 2005. Il-fond jikkonsisti f'maħżen antik taħt l-art b'kejl superfiċjali ta' 106 metri kwadri (ara rapport tal-perit tekniku, fol. 46). Meta sar l-aċċess m'hemmx indikazzjoni li qiegħed jintuża għal xi ħaġa (ara ritratti mehmuża mar-rapport).

3. B'rikors preżentat fit-2 ta' Awwissu 2019 l-atturi lmentaw li l-kera hi baxxa meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ hu ferm iktar għoli. Inoltre, il-protezzjoni mogħtija lill-inkwilini bl-Att X tal-2009 m'hijiex ġusta u m'hemmx bilanċ ta' proporzjonalita` bejn id-drittijiet ta' sid il-kera u dawk tal-inkwilini in kwantu jirreferu għall-kera u inċertezza meta ser jieħdu lura l-fond. Żiedu li m'għandhomx rimedju effettiv skont l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk talbu lill-Qorti sabiex:

> "*I. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Martin Zammit kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mill-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u kif sanċiti wkoll fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

"*II. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni viġenti tal-fond bin-numru 27 Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana bi bieb ieħor fi blokk apartamenti 28, Pjazza Sir Luigi Preziosi Floriana proprjetà tar-rikorrenti, a favur tal-intimati aħwa Dingli, u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk huma nulli u / jew inapplikabbli in konfront tar-rikorrenti għar-rigward tal-proprjeta' de quo.*

*"III. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skond il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inter alia billi tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti ma humiex obbligati jġeddu l-kirja tal-fond 27, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana b'aċċess minn bieb ieħor fi blokk ta apartamenti 28, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana, a favur l-intimati aħwa Dingli, u tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti huwa intitolat jirriprendi l-pussess sħiħ tal-istess fond.*

*"IV. Konsegwentement tordna l-iżgumbrament fi żmien qasir u perentorju tal-aħwa Dingli mill-fond 27, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana b'aċċess minn bieb ieħor f'28 Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana oltre rimedji oħra li din l-Onorabbli Qorti jidrulha xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti jiġi rrintegrat fil-pussess sħiħ u godiment reali ta' ħwejġu.*

*"V. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn inter alia ma ġiex kkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.*

*"VI. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-liġi.*

*"VII. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament".*

4. Bis-sentenza tal-11 ta' Novembru 2020 l-ewwel Qorti iddeċidiet:

*"Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –*

*"1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara u tiddeċiedi illi għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza r-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mill-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) filwaqt li tiċħad it-talba għar-rigward tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*"2. Tilqa' limitatament it-tieni talba tar-rikorrent u konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni viġenti tal-fond bin-numru 27 Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana bi bieb ieħor fi blokk apartamenti 28, Pjazza Sir Luigi Preziosi Floriana proprjetà tar-rikorrenti, a favur tal-intimati aħwa Dingli, u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea filwaqt li tiċħad it-talba għar-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*"3. Tilqa' limitatament it-tielet talba billi tiddeċiedi li l-intimati aħwa Dingli m'għandhomx jibqgħu igawdi l-protezzjoni tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi l-ġodda li saru bl-Att X tal-2009 fir-rigward tal-fond mertu tal-proċeduri odjerni.*

*"4. Tiċħad ir-raba' talba tar-rikorrent.*

*"5. Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrent u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat Ġenerali huwa responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu għar-raġunijiet mogħtija fil-kawża fejn inter alia ma ġiex kkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.*

*"6. Tilqa' s-sitt u s-seba talba tar-rikorrent u tillikwida s-somma totali ta' ħamsin elf Ewro (€50,000) in kwantu għal ħamsa u tlettin elf Ewro (€35,000) bħala kumpens pekunarju u ħmistax -il elf Ewro (€15,000) li għandhom iservu bħala danni morali li għandu jagħmel tajjeb għalihom l-Avukat Ġenerali u l-Qorti tordnalu jħallas l-istess.*

*"7. Tilqa' r-raba', l-ħames, il-ħdax il-eċċezzjoni (limitatament safejn kompatibbli ma' dak deċiż), u mit-tnax sal-ħmistax -il eċċezzjoni filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet.*

*"8. Peress li mhux it-talbiet kollha ġew milqugħa kif dedotti, l-ispejjeż jinqasmu hekk: 4/5 jitħallsu mill-intimat Avukat Ġenerali u 1/5 jitħallsu mir-rikorrent.*

*"9. Bl-imgħax legali kif mitlub mir-rikorrent mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-pagament effettiv".*

5. Mis-sentenza tal-ewwel Qorti appella l-Avukat tal-Istat, filwaqt li l-atturi wieġbu (14 ta' Diċembru 2020) u argumentaw li s-sentenza hi ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Il-konvenuti Dingli ma wieġbux, l-istess bħal ma ġara quddiem l-ewwel Qorti.

6. L-appell tal-Avukat tal-Istat fih aggravju wieħed biss, li jitratta dwar il-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti. Spjega:

> *"4. Fil-konklużjonijiet tagħha, il-perit stabbilit li l-valur tal-maħżen in kwistjoni, f'Awissu tal-2019 kien ta' €63,000 u l-valur lokatizju ta' din il-proprjeta huwa ta' €1,890 fis-sena;*
>
> *"5. Dan qed juri biċ-ċar li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat kumpens bil-wisq eċċessiv – kważi daqs il-proprjeta nnifisha – u sopra corna bastonate, żiedet ukoll l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-pagament effettiv. Dan umilment m'għandux jiġi aċċettat għax hemm sproporzjon qawwi bejn il-kumpens u l-imgħax stabbilit mill-Qorti; u l-ammont li fil-verita' tali proprjeta ġġib fis-suq meta tqis il-proprjeta x'inhi u f'liema stat tinsab u kemm ġiet stmata iswed fuq l-abjad mill-Perit imqabbad mill-Qorti stess;*
>
> *"6. Magħdud ma' dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qisitx ukoll li r-rikorrenti ġie mpoġġi fil-pussess tal-legat if-s27 ta' Ottubru 2006 u għalhekk l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tas-sid appellat jista' jiġi kkunsidrat biss minn tali data u mhux fuq medda ta' 79 sena minn meta bdiet il-kirja. Wieħed irid iżomm ukoll f'moħħu li tali proprjeta ġiet mgħoddija bħala legat u l-appellat mhux eredi universali u għalhekk ma daħalx fiż-żarbun tat-testatur u kwalunkwe ksur li seta' seħħ qabel dik id-data, ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni;*
>
> *"7. Irid jiġi mfakkar ukoll li r-rikorrent seta' jirrinunzja għal tali legat ġialadarba ma kienx liberu u frank".*
>
> .......
>
> *"10. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-ammont tal-kera u l-kondizzjonijiet tal-kirja ġew imposti mingħand min ir-rikorrenti rċieva l-legat bi qbil mal-intimati l-oħra u mhux mill-Istat. L-Istat bl-ebda mod ma ndaħal fir-rigward ta' kemm kellha tkun il-kirja u ma kien hemm xejn fil-liġi li jwaqqaf lill-appellat jew l-antekawża tiegħu li jistabbilixxu żidiet fil-kera kull tant żmien".*

7. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti rraġunat:

*"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum il-Qorti hija tal-fehma li għandhom jittieħdu diversi konsiderazzjonijiet ghal fini ta' kumpens fosthom-*

*"1. Il-fatt li l-fond għandu għanijiet kummerċjali;*

*"2. Anke jekk il-kumpens mhux neċessarjament ikun daqs kemm irendi s-suq ħieles, huwa sostanzjali l-isproporzjon fid-differenza bejn il-kera li jitħallsu r-rikorrenti u dik li setgħu jirċievu skont is-suq hieles li kieku ma kienx hemm id-dispożizzjonijiet tal-liġi mpunjati;*

*"3. Il-fatt li skont il-liġi viġenti fadal sas-sena 2028 sabiex il-kirja tiġi terminata;*

*"4. L-istat ta' nċertezza li r-rikorrenti u l-awturi tagħhom damu fih matul is-snin u l-perjodu li ilhom ibatu sproporzjonalita' fid-drittijiet tagħhom;*

*"5. L-inerzja da parti tal-Istat, li matul is-snin baqa' passiv għall-ħtieġa ta' ntervent legislattiv effettiv sabiex joħloq bilanċ aktar proporzjonat bejn il-piżijiet u d-drittijiet ta' persuni fil-qagħda tar-rikorrenti;*

*"6. It-trapass taż-żmien sakemm ir-rikorrenti fittxew rimedju quddiem il-Qrati sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tagħhom.*

*"**Wara li ħadet is-suespost kollu in konsiderazzjoni il-Qorti hija tal-fehma li a favur ir-rikorrenti għandha tiġi likwidata s-somma totali ta' ħamsin elf Ewro (€50,000) kumpens globali in kwantu għal ħamsa u tlettin elf Ewro (€35,000) bħala kumpens pekunarju u ħmistax -il elf Ewro (€15,000) li għandhom iservu bħala danni morali.**"*

8. Skont il-perit tekniku l-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ hu s-segwenti (fol. 46):

| Sena | Valur lokatizju (€) |
|---|---|
| 1987<br><br>1992 | 188<br><br>275 |

| | |
|---|---|
| 1997 | 400 |
| 2002 | 617 |
| 2007 | 894 |
| 2012 | 900 |
| 2017 | 1346 |
| 2019 | 1890 |

9. Meta tgħodd il-valur lokatizju fis-suq miftuħ mis-sena 1987 sal-2019, it-total hu €20,952.[1] Il-kumpens kellu jkun kalkolat minn dik is-sena għaliex kien f'dik is-sena li daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Dan ukoll meta tikkunsidra li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attur għal dikjarazzjoni li hu vittma tal-ksur fundamentali taħt l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalhekk dwar il-kumpens pekunjarju u non-pekunjarju l-perjodu rilevanti kien mis-sena 1987.

10. Rilevanti wkoll hu li l-attur m'huwiex l-uniku werriet ta' missieru Joseph Zammit. B'testment tas-27 ta' Novembru 2003 Joseph Zammit, flimkien ma' martu Margaret, ħallew lit-tliet uliedhom werrieta tagħhom. Il-fond għadda għand l-attur permezz ta' prelegat, li ma jinkludix fih il-jedd li seta' kellhom il-ġenituri tiegħu għall-kumpens minħabba ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Għalhekk semmai l-attur għandu jedd għal sehem ta' terz (1/3) għall-perjodu ta' qabel id-data meta

[1] €940 + €1,375 + €2,000 + €3,085 + €4,470 + €4,500 + €2,692 + €1,890.

saret l-immissjoni fil-pussess lilu (27 ta' Ottubru 2006), u fuq liema att kienet dehret ukoll ommu Margaret Zammit (illum mejta wkoll).

11. Fis-sentenza riċenti **Cauchi v. Malta** (14013/2019) tal-25 ta' Marzu 2021, il-QEDB qalet:

> *"103. It has also considered the legitimate purpose of the restriction suffered, bearing in mind that legitimate objectives in the "public interest", such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may call for less than reimbursement of the full market value (ibid.; see also Ghigo v. Malta (just satisfaction), no. 31122/05, § 18 and 20, 17 July 2008). In this connection, the Court notes that, to date, it has accepted that in most cases of this type, the impugned measure pursued a legitimate social policy aim, namely the social protection of tenants. It has also found, however, that the needs and general interest which may have existed in Malta in 1979 (when the law in question was put in place by Act XXIII) must have decreased over the three decades that followed (see, for example, Anthony Aquilina v. Malta, no. 3851/12, § 65, 11 December 2014). With that in mind, the Court considers that for the purposes of awarding compensation, such estimates may be reduced by around 30% on the grounds of that legitimate aim. It notes, however, that other public interest grounds may not justify such a reduction (see, for example, Marshall and Others, cited above, § 95, and the case-law cited therein).*
>
> *"104. Furthermore, the Court is ready to accept, particularly in view of the recent boom in property prices, that if the property had not been subject to the impugned regime it would not necessarily have been rented out throughout the entire period. Therefore, it is acceptable to consider that the actual losses were less than those claimed, by at least 20%.*
>
> *"105. Furthermore, the rent already received by the applicant for the relevant period must be deducted from the relevant calculation (see, inter alia, Portanier, cited above, § 63). In this connection, the Court notes that it is the rent applicable by law which should be deducted in the present case, as the applicant chose of her own volition not to increase the rent for a certain period of time".*

12. Pero` dak il-każ kien jitratta dwar kirja ta' fond bħala abitazzjoni.

13. Fil-kalkolu tal-kumpens għandu jsir tnaqqis tal-kera li tħallset jew li għaliha sid il-kera kellu jedd għaliha skont il-liġi. Mill-kalkoli li għamlet il-Qorti t-total hu ta' €1,508.48 (€825 għall-perjodu mill-1987 sal-2009). Mill-1 ta' Jannar 2010 il-kera żdiedet bis-saħħa tal-liġi (art. 1531D tal-Kodiċi Ċivili li japplika għall-kirja ta' fond kummerċjali) b'15% fuq il-kera attwali, u tiżdied kull sena b'dik ir-rata sal-31 ta' Diċembru 2013. B'hekk fil-każ in eżami, 2010 il-kera kellha tkun €43.13; 2011 il-kera kellha tkun €49.60; 2012 il-kera kellha tkun €57; u 2013 il-kera kellha tkun €65.56. B'hekk it-total tal-kera mill-2010 sal-2013 li s-sid kellu dritt jiġbor mingħand l-inkwilin kien €215. Imbagħad b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014 il-kera togħla 5% fis-sena, u ċioe` 2014 - €68.84; 2015 - €72.28; 2016 - €75.89; 2017 - €79.68; 2018 - €83.66; 2019 – €87.84. Total ta' kera mill-2010 sal-2019 = €683.48. Għalhekk il-kera li seta' jinġabar mis-sidien fil-perjodu bejn l-1987 u l-2019 hi €1,508.

14. Tnaqqis ieħor għandu jsir minħabba li hemm inċertezza jekk il-fond kienx ser ikun mikri għall-perjodu kollu in kwistjoni (ara sentenza **Cauchi v. Malta** mogħtija mill-QEDB fil-25 ta' Marzu 2021). Il-Qorti naqset persentaġġ ta' 20% mill-qligħ mitluf. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li l-fond hu taħt l-art u l-kundizzjoni li jinsab fiha (ara ritratti).

15. Tnaqqis ieħor isir minħabba li hemm skop leġittimu wara l-protezzjoni, għalkemm m'huwiex qawwi daqs kemm hu fil-każ ta' fond

residenzjali. Il-każ in eżami jitratta kirja ta' fond kummerċjali, fejn allura l-interess ġenerali hu ferm inqas mill-interess fil-każ ta' djar ta' abitazzjoni. Fis-sentenza **Marshall and Others v Malta** (79177/16) tal-11 ta' Frar 2020, każ li kien jitratta dwar kirja kummerċjali, il-QEDB qalet:

> *"95. Thus, in assessing the pecuniary damage sustained by the applicants, the Court has, as far as appropriate, considered the estimates provided and had regard to the information available to it on rental values on the Maltese property market during the relevant period. It has also considered the legitimate purpose of the restriction suffered, bearing in mind that legitimate objectives in the "public interest", such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may call for less than reimbursement of the full market value (see, inter alia, Ghigo v. Malta (just satisfaction), no. 31122/05, § 18 and 20, 17 July 2008). In the present case however, the Court keeps in mind that the property was not used for securing the social welfare of tenants or preventing homelessness (compare, Fleri Soler and Camilleri v. Malta (just satisfaction), no. 35349/05, § 18, 17 July 2008). Thus, the situation in the present case might be said to involve a degree of public interest which is significantly less marked than in other cases and which does not justify such a substantial reduction compared with the free market rental value (see, Zammit and Attard, cited above, § 75)".*

16. F'dan ir-rigward il-Qorti ser tnaqqas persentaġġ ieħor ta' 20% mill-qligħ meħud ukoll in konsiderazzjoni li skont l-Art. 1531I tal-Kodiċi Ċivili l-kirja tispiċċa fl-1 ta' Ġunju 2028.

17. Skont il-kalkoli li għamlet din il-Qorti, it-total tal-kumpens pekunjarju bażat fuq dak li ntqal hawn fuq hu ta' tmint elef sitt mija u erbatax-il ewro (€8,614);

- 1987 sa 2006 = €7,400 x 1/3 = €2,467 + €13,552 (2007 sa 2019) kera fis-suq miftuħ;

- Total = €16,019 - €1,508 (kera imħallsa) = €14,510 – 20% - 20% = €9,286.

18. Għal dak li jirrigwarda l-kumpens non-pekunjarju hu evidenti li l-attur m'għamel xejn biex jipprova jieħu lura l-pussess tal-fond, sa minn meta saret l-immissjoni fil-pussess (27 ta' Ottubru 2006). Dan minkejja li mir-ritratti meħmuża mar-rapport tal-perit tekniku ma jidhirx li l-fond qiegħed jintuża. Dan apparti li għaż-żmien ta' qabel japplika dak li diġa' ngħad f'paragrafu 10 ta' din is-sentenza. Il-Qorti tqis li somma ta' sitt elef ewro (€6,000) bħala kumpens non-pekunjarju jkun iktar ġust.

19. Għal dak li jirrigwarda l-imgħax ikun ukoll ekwu u ġust li l-imgħax jibda jiddekorri mill-11 ta' Novembru 2020, id-data tal-ewwel sentenza ċioe` l-ewwel data meta ġie likwidat kumpens dovut lill-attur.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-11 ta' Novembru 2020 billi tħassar dik il-parti li llikwidat kumpens fl-ammont ta' ħamsin elf ewro (€50,000), u minflok tillikwida l-kumpens fl-ammont ta' ħmistax-il elf mitejn u sitta u tmenin ewro (€15,286) u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas dak l-ammont, bl-imgħax mil-lum. Għall-kumplament tikkkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr